Id-Direttur tas-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa), Guardamangia, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-3 ta' Frar, 2009 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. PFI Nru. 116. *LMA Proseal Introducer, LMA Sizes 3-5*.
Kwot. PFI Nru. 117. *Oral rehydration powder sachets*.
Kwot. PFI Nru. 118. *Hepatitis B immunoglobulin injs*.
Kwot. PFI Nru. 119. *Clozapine 100mg tablets*.
Kwot. PFI Nru. 120. *Standard solutions for AAS*.
Kwot. PFI Nru. 121. *Rufinamide 400mg tablets*.
Kwot. PFI Nru. 122. *Epistat nasal catheter.*
Kwot. PFI Nru. 123. *Octreotide scintigraphy.*
Kwot. PFI Nru. 124. *Large distractor.*
Kwot. PFI Nru. 125. *Mono poly G2.) on 60mm*.
Kwot. PFI Nru. 126. *Mono Polyamide G3/0 26mm*.
Kwot. PFI Nru. 127. *Heat seal check*.
Kwot. PFI Nru. 128. *Cotton balls 6GM*.
Kwot. PFI Nru. 129. *Looptip wire guide*.
Kwot. PFI Nru. 130. *Auxiliary water tube*.
Kwot. PFI Nru. 131. *Single use mechanical lithotripter.*
Kwot. PFI Nru. 132. *Promazine 25mg tabs*.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

27th January, 2009

GOVERNMENT HEALTH
PROCUREMENT SERVICES

The Director, Government Health Procurement Services, Guardamangia, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 3rd Febuary, 2009, for:-

Quot. PFI No. 116. LMA Proseal Introducer, LMA Sizes 3-5.
Quot. PFI No. 117. Oral rehydration powder sachets.
Quot. PFI No. 118. Hepatitis B immunoglobulin injs.
Quot. PFI No. 119. Clozapine 100mg tablets.
Quot. PFI No. 120. Standard solutions for AAS.
Quot. PFI No. 121. Rufinamide 400mg tablets.
Quot. PFI No. 122. Epistat nasal catheter.
Quot. PFI No. 123. Octreotide scintigraphy.
Quot. PFI No. 124. Large distractor.
Quot. PFI No. 125. Mono poly G2.) on 60mm.
Quot. PFI No. 126. Mono Polyamide G3/0 26mm.
Quot. PFI No. 127. Heat seal check.
Quot. PFI No. 128. Cotton balls 6GM.
Quot. PFI No. 129. Looptip wire guide.
Quot. PFI No. 130. Auxiliary water tube.
Quot. PFI No. 131. Single use mechanical lithotripter.
Quot. PFI No. 132. Promazine 25mg tabs.

Kwot. PFI Nru. 133. *Silicone watzke sleeves*.

Kwot. PFI Nru. 134. *Sodium valporate syrup*.

Kwot. PFI Nru. 135. *Sodium valporate syrup*.

Kwot. PFI Nru. 136. *Trifluoperazine 1mg tabs*.

Kwot. PFI Nru. 137. *Trifluoperazine 1mg tabs*.

Kwot. PFI Nru. 138. *Vigabatrin 500mg sachets*.

Kwot. PFI Nru. 139. *Peripheral stents 120cm.*

Kwot. PFI Nru. 140. *Non Ionic Contrast medium for Radiology and Cardiology x 50ml*.

Il-PFI's imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Is-27 ta' Jannar, 2009

Quot. PFI No. 133. Silicone watzke sleeves.

Quot. PFI No. 134. Sodium valporate syrup.

Quot. PFI No. 135. Sodium valporate syrup.

Quot. PFI No. 136. Trifluoperazine 1mg tabs.

Quot. PFI No. 137. Trifluoperazine 1mg tabs.

Quot. PFI No. 138. Vigabatrin 500mg sachets.

Quot. PFI No. 139. Peripheral stents 120cm.

Quot. PFI No. 140 Non Ionic Contrast medium for Radiology and Cardiology x 50ml .

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

27th January, 2009

SERVIZZI TA' *PROCUREMENT*
TAL-GVERN (TAQSIMA TAS-SAĦĦA)

Id-Direttur tas-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa), Guardamangia, jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-25 ta' Frar, 2009 fil-Kaxxa Safra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. Nru. MISC/001/09. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *walk-in cold room* fil-*GHPS,* Guardamangia.

Id-dokument tal-offerta jista' jinkiseb minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=458.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Is-27 ta' Jannar, 2009

GOVERNMENT HEALTH
PROCUREMENT SERVICES

The Director, Government Health Procurement Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Yellow Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 11.00 a.m. of Wednesday, 25th February, 2009, for:-

Quot. No. MISC/001/09. Supply, installation and commissioning of a walk-in cold room at GHPS, Guardamangia.

The above tender document can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?pages=458.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

27th January, 2009

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

Ħatra ta' Statutory Financial Auditors
MRA/48/07

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tgħarraf li jintlaqgħu offerti magħluqin mingħand ditti ta' awdituri/individwi kwalifikati interessati biex jipprovdu servizzi ta' verifika lill-Awtorità.

L-offerti, mimlija kif suppost, u f'envelop magħluq, għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Marsa, sa nofsinhar tat-Tnejn 9 ta' Frar 2009.

Offerti minn ditti għandhom ikunu ffirmati minn persuni awtorizzati li jaġixxu f'isem id-ditta relevanti u jkunu bit-timbru tad-ditta.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux fuq il-formola preskritta ma jiġux ikkunsidrati.

L-Awtorità żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrofta, f'parti jew kollha kemm hi, xi offerta li tirċievi.

Il-formoli apposta u kundizzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju taċ-*Chairman*, Millennia, it-Tieni Sular, Triq Aldo Moro, il-Marsa jew jitniżżlu minn fuq il-*website* tal-Awtorità www.mra.org.mt.

Is-27 ta' Jannar, 2009

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Appointment of Statutory Financial Auditors
MRA/48/07

The Malta Resources Authority notifies that sealed tenders will be received from auditing firms/qualified individuals interested for the provision of auditing services to the Authority.

Offers, duly filled in, and in a sealed envelope are to be deposited in the tender box at the Malta Resources Authority Marsa, by noon on Monday 9th February 2009.

Offers by firms must be signed by authorised persons acting on behalf of the relevant firm and bearing the rubber stamp of the firm.

Late applications or not on the prescribed form will not be considered.

The Authority shall reserve the right to accept or reject, wholly or in part, any offer received.

Appropriate forms and tender conditions may be obtained from the Chairman's office, Malta Resources Authority, Millennia, Second Floor, Triq Aldo Moro, Marsa or downloaded from the Authority's website www.mra.org.mt.

27th January, 2009

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Ġenerali *(Operations)* fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ħamis, it-12 ta' Frar, 2009 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tat-Teżor, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. NTY 1/2009. Kiri ta' *photocopier* diġitali għall-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat.

Għandu jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tat-Teżor, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

Is-27 ta' Jannar, 2009

MINISTRY FOR GOZO

The Director General (Operations), Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Treasury Section, Victoria, Gozo, by not later than 2.00 p.m. of Thursday, 12th February 2009, for:-

Advt. No. NTY 1/2009. Leasing of digital photocopier to the Notary to Government Office, Ministry for Gozo, Victoria.

A fee of €10.00 should be paid for each copy of tender document.

Tenders should be drawn up on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Treasury Section, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

27th January, 2009

AWTORITÀ MALTIJA TAT-TURIŻMU

L-Awtorità Maltija tat-Turiżmu tilqa' offerti magħluqin għall-bejgħ *(tale quale)* tal-oġġetti li ġejjin:

a) Ħamsa u tletin (35) *panel* tal-injam tal-*marine plywood*, uħud minnhom tal-kejl ta' 10' x 8' impittra b'żebgħa tal-*acrylic* għal disinn konċettwali uniku ta' raħal tipiku Malti, użat f'edizzjonijiet li għaddew tal-Mediterranean Food Festival. Offerti anqas minn €3,000 ma jiġux ikkunsidrati.

b) 33 sink basin tal-metall galvanizzat li jistgħu jingarru, flimkien ma' armarju tal-injam madwarhom biex jerfgħu s-sink. Il-*units* għandhom jinxtraw f'lott wieħed. Offerti anqas minn €800 ma jiġux ikkunsidrati.

L-offerta magħluqin jintlaqgħu sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-2 ta' Frar 2009, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta.

Għal aktar tagħrif u għal appuntament biex wieħed ikun jista' jara l-oġġetti offruti wieħed għandu jikkuntattja lis-Sur Martin Morana, *Events Manager,* Awtorità Maltija tat-Turiżmu, fuq in-numru tat-telefon: 22915136 jew bl-*email:* martin.morana@visitmalta.com.

Is-27 ta' Jannar, 2009

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Malta Tourism Authority receives sealed offers for the sale (tale quale) of the following items:

a) Thirty five (35) wooden panels of marine plywood some measuring 10' x 8' designed with acrylic paint to a unique design concept of a typical Maltese village, used in the past editions of the Mediterranean Food Festival. Offers less than €3,000 will not be considered.

b) 33 portable galvanised metal sink basins, together with wooden framed cabinet to support sink. Units must be bought in one lot. Bids less than €800 will not be considered.

Sealed offers will be received at the Head Office of the Malta Tourism Authority, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than 10.00 a.m. on Monday, 2nd February, 2009.

Further information and appointment arrangements to view the items please contact Mr Martin Morana, Events Manager, Malta Tourism Authority on telephone number: 22915136 email: martin.morana@visitmalta.com.

27th January, 2009

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI

Il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Frar, 2009, jintlaqgħu espressjoni ta' interess għal:-

MITC 58/2009. Sejħa għall-espressjoni ta' interess - Kumpilazzjoni ta' lista ta' kontrolluri finanzjarji li jistgħu jikkontrollaw il-finanzi ta' benefiċjarji minn proġetti li jagħmlu użu mill-Programm URBACT II.

Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website:* www.mitc.gov.mt

Il-proposti għandhom jinxteħtu fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-27 ta' Jannar, 2009

MINISTRY FOR INFRASTRUCTURE, TRANSPORT AND COMMUNICATIONS

The Ministry for Infrastructure, Transport and Communications notifies that:-

Calls for expression of interest will be received up to noon of Friday, 20th February 2009, for:

MITC 58/2009. Call for expression of interest - Compilation of a list of financial controllers who could undertake financial controls on project beneficiaries benefiting from the URBACT II Programme.

A copy of the tender document can be downloaded from the website: www.mitc.gov.mt.

Proposals are to be deposited in the tender box located at the Ministry Infrastructure, Transport and Communications, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta.

Late submissions will not be considered.

27th January, 2009

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA TA' MALTA

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Marzu, 2009 mit-Taqsima tal-*Accounts* u *Procurment* (Kamra 6), Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, Malta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 3/2009. Provvista ta' brieret għax-xitwa.

Avviż Nru. 4/2009. Provvista ta' ġkieket *water-proof*.

Il-formoli tal-offerti u kull tagħrif ieħor dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn il-kuntratti jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Accounts* u *Procurement* (Kamra 6), Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

Is-27 ta' Jannar, 2009

MALTA POLICE DEPARTMENT

The Commissioner of Police notifies that:–

Sealed tenders will be received at the Accounts and Procurment Section (Room 6), Police General Headquarters, Floriana, Malta, up to 11.00 a.m. of Wednesday, 18th March, 2009, for:–

Advt. No. 3/2009. Supply of winter caps.

Advt. No. 4/2009. Supply of water-proof jackets.

Forms of tenders and any further information regarding the conditions of these contracts may be obtained from the Accounts and Procurement Section (Room 6), Police General Headquarters, Floriana, on any working day during office hours.

27th January, 2009

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, id-9 ta' Marzu 2009, offerti magħluqin u mmarkati bir-riferenza relattiva għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa apposta fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, għal:-

Avviż Nru. BLC 1/2009. Servizzi ta' stallazzjoni u manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' €250 għal kull dokument tal-offerta.

Avviż Nru. BLC 2/2009. Servizzi ta' sigurtà fi Ġnien l-Istazzjon.

Għandu jitħallas dritt ta' €100 għal kull dokument tal-offerta.

Avviż Nru. BLC 3/2009. Servizzi ta' tindif.

Għandu jitħallas dritt ta' €100 għal kull dokument tal-offerta.

Id-dokumenti jistgħu jinġabru mill-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżattament kif jagħlaq il-ħin għad-depożitu tal-offerti.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Aktar dettalji jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numri tat-telefon tal-Kunsill Lokali 21442626 jew 21485041.

Is-27 ta' Jannar, 2009

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:-

Sealed tenders marked with the relevant reference are to be deposited in the appropriate tender box available at the Local Council's Administrative Office by not later than noon of Monday, 9th March 2009, for:-

Advt. No. BLC 1/2009. Street lighting installation and maintenance services.

A fee of €250 is to be paid for each tender document.

Advt. No. BLC 2/2009. Security services at Ġnien l-Istazzjon.

A fee of €100 is to be paid for each tender document.

Advt. No. BLC 3/2009. Cleaning services.

A fee of €100 is to be paid for each tender document.

Tender documents may be obtained from the Council's Administrative office. Tenders will be opened at the closing date and time in the presence of the public.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous one.

Further details may be obtained from the Executive Secretary on the Local Council's telephone numbers 21442626 or 21485041.

27th January, 2009

KUNSILL LOKALI PIETÀ

Il-Kunsill Lokali Pietà jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Frar, 2009, is-Segretarju tal-Kunsill jilqa' offerti magħluqin għall-provvediment tas-servizzi li ġejjin:-

Avviż Nru. PLC (HS) 01/09. Servizzi ta' *handyman* u manutenzjoni ġenerali fil-lokalità.

Dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Kunsill fil-Kunsill Lokali Pietà, 11, "Il-Pellikan", Triq K. Mifsud, il-Pietà PTA 1550, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju fuq ħlas ta' €70.00.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-27 ta' Jannar, 2009

PIETÀ LOCAL COUNCIL

The Pietà Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received by the Council's Secretary up to noon of Friday, 6th February, 2009, for the provision of the following services:-

Advt. No. PLC (HS) 01/09. Handyman services and general maintenance in the locality.

Tender documents may be collected from the Council's premises at the Pietà Local Council, 11, "Il-Pellikan", Triq K. Mifsud, Pietà PTA 1550, during office hours at a fee of €70.00.

The Council reserves the right to refuse any or all tenders submitted, even the most advantageous.

27th January, 2009

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

136

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Jannar 2009 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut Berrad Youness ta' St Julians Bay Court, Flat 48A, Triq it-Telgħa tal-Kulleġġ, Tas-Sliema, Malta u/jew 6 Roses, Triq il-Kbira, Gudja, Malta:

Is-soċjetà Go plc, ġa Maltacom plc (C.22334), ta' Spencer Hill, Marsa, Malta, ippreżentaw Avviż tat-Talba fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) – Talba numru 46/2007 fl-ismijiet "Maltacom plc vs Berrad Youness" – fit-28 ta' Awwissu 2007 fejn talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Berrad Youness iħallas lis-socjetà attriċi s-somma ta' €758.19 dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jġib in-numru 21550411 (a/c 10226440) li kien installat fil-fond bl-isem 'Penelope', Blk B, Flat 6, Triq il-Puniċi, Xlendi, Munxar, Għawdex, skond diversi kontijiet mibgħuta, flimkien mal-ispejjeż, l-imgħaxijiet u drittijiet legali.

Il-każ huwa differit għall-11 ta' Frar 2009 fl-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), illum 21 ta' Jannar 2009

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur

It is hereby notified that by virtue of a decree given on the 7th January 2009, the Small Claims Tribunal (Gozo), ordered the publication of the subjoined notice for the purposes of service in respect of the defendant Berrard Youness of St Julians Bay Court, Flat 48A, Triq it-Telgha tal-Kulleġġ, Sliema, Malta, and/or 6 Roses, Triq il-Kbira, Gudja, Malta, in terms of section 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta:

The company Go plc, formerly Maltacom plc (C.22334), of Spencer Hill, Marsa, Malta, filed a claim in the Small Claims Tribunal (Gozo) – Case number 46/2007 in re "Maltacom plc vs Berrad Youness" – on the 28th August 2007 wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant Berrad Youness to pay plaintiff company the amount of €758.19, in connection with telephone service number 21550411 (a/c 10226440) installed at 'Penelope', Blk B, Flat 6, Puniċi Street, Xlendi, Munxar, Gozo, as per various bills issued to defendant, together with costs, interest and legal expenses.

The hearing of this case is being deferred for the 11 of February 2009 at 11.00 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), trhis 21st January 2009

JACLYN MAGRIN
Deputy Registrar

137

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Diċembru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fis-26 ta' Mejju 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Charles German (ID146974M) ta' Sydney, Triq ta' Rumi, Marsaskala, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,272.84 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (390/08VGD) hija differita għat-3 ta' Frar 2009 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 12th December 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill Marsa, filed a Claim on the 26th May 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Charles German (ID146974M) of Sydney, Triq ta' Rumi, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of €1,272.84 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 390/08VGD) is put off on the 3rd February 2009 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

138

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-15 ta' Jannar 2009, mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12)

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-5 ta' Diċembru, 2008 fuq rikors ta' FORTUNA ENTERPRISES LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 16 ta' Frar, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f' 147, TRIQ LORETU CALLUS, ĦAŻ-ŻEBBUĠ tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand DRAM CO LTD.

Printing machine Thompson Crown, Heildeberg Cord 64, Heildeberg Platters, Guillotine, Vario Watkins (Collator Stitching and Trimmer), Printing Down Frame, Heildeberg Speed Master 72/2/7

Ir-rikkorent Fortuna Enterprises talab biex jagħmel offerti animo compensandi b'rikors ippreżentat fid 22 ta' Ottubru 2008 u milqugħ b'digriet fil-11 ta' Diċembru 2008. Bi tlett ijiem biex iwieġbu.

Reġistru tal-Qorti Prim Awla Ċivili (Malta), illum 20 ta' Jannar 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 15th January 2009 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5th December, 2008 on the application of FORTUNA ENTERPRISES LTD, Monday, 16th February, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 147, LORETO CALLUS STREET, ŻEBBUĠ of the following items seized from the property of DRAM CO LTD.

Printing machine Thompson Crown, Heildeberg Cord 64, Heildeberg Platters, Guillotine, Vario Watkins (Collator Stitching and Trimmer), Printing Down Frame, Heildeberg Speed Master 72/2/7

The creditor Fortuna Enterprises asked to bid offers animo compensandi by application presented on the 22nd October 2008 and by decree given on the 11th December 2008. With three days to reply.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 20th January 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

139

B'digriet mogħti fit-12 ta' Jannar 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4731/07 fl-ismijiet Annie Bonello (Karta tal-identità numru 420330(M) vs David Mallia (Karta tal-identità numru 374672(M) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat David Mallia, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili
Illum 11 ta' Diċembru 2007

Lil David Mallia (Karta tal-identità Numru 374672(M)
Pearla Bianca,
Plot B, Triq Olaf Gollcher,
Birkirkara.

Permezz tal-preżenti Annie Bonello Karta tal-Identità Numru 420330(M) ta' 32, Triq il-Konti Ruġġieru, Rabat, Malta, tinterpellak sabiex fi żmien erbat ijiem inti tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni illi l-mittenti sofriet b'konsegwenza tax-xogħol mhux skondt is-sengħa u l-arti, illi sar minnek fil-fond fuq imsemi ċioè 32, Triq il-Konti Ruġġieru, Rabat, Malta.

Il-mittenti tieħu l-opportunità wkoll sabiex tinterpellak sabiex fi żmien erbat ijiem tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tal-ammonti kollha indebitament imħallsa lilek rigward l-istess xogħlijiet.

Fin-nuqqas il-mittenti ma jkollhiex triq oħra għajr illi tipproċedi skond il-liġi u jkomplu jiżdiedu l-ispejjeż.

Fil-frattemp il-mittenti qed tirriserva d-drittijiet kollha spettanti lilha skond il-liġi u qed iżommok responsabbli għad-danni.

Tant sabiex tagħraf timxi u tevita spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Jannar 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 12th January 2009, in the records of the judicial letter number 4731/07 in the names Annie Bonello (Identity Card number 420330(M) vs David Mallia (Identity Card number 374672(M) the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent David Mallia, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court
Today 12th December 2007

To David Mallia (Identity Card Number 374672(M)
Pearla Bianca,
Plot B, Olaf Gollcher Street,
Birkirkara.

By the present Annie Bonello Identity Card number 420330(M) of 32, Count Roger Street, Rabat, Malta, calls upon you so that within four days you come forward to the liquidation and payment of damages that the interpellant suffered as a consequence of work not according to the art or trade carried out by you in the premises above mentioned, namely 32, Count Roger Street, Rabat, Malta.

The interpellant also takes the opportunity to call upon you so that within four days you come forward to the liquidation and payment of all the amounts unduly paid toyou regarding the same works.

Failing which the interpellant shall have no other option but to proceed according to law and the costs will increase.

In the meantime the interpellant reserves all the rights due to her according to law and is holding you responsible for damages.

So much so that you may know how to proceed and avoid useless expenses.

With costs and interests according to law.

Registry of the Superior Courts, today 22nd January 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

140

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Jannar 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' Ottubru 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil C & B Co Limited ta' Brandon House, Triq il-Ħawt, Ħaż-Żabbar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €178.12 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (824/08MK) hija differita għad-9 ta' Frar 2009 fis-1.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 12th January 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 29th October 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn C & B Co Limited of Brandon House, Triq il-Ħawt, Żabbar, to pay the plaintiff company the sum of €178.12 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 824/08MK) is put off on the 9th February 2009 at 1.15 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

141

Avviż ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Jannar 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali ġiet ordnata din il-pubblikazzjoni.

B'rikors ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2009 fil-Qorti hawn fuq imsemmija minn Alfred Vella u oħrajn, Rikors numru 6/2009 (Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili) ġiet mitluba l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex is-sehem spettanti lil Joseph Vella, Rita Vella kemm f'isimha proprju kif ukoll in rappreżentanza tal-imsefrin Mario Vella, Mary Rose mart Angelo Attard u l-Avukat Dott. Mario Scerri għannom u in rappreżentanza tal-imsiefra Carmela mart George Attard mill-fond bin-numru tnejn u għoxrin (22), tmienja u għoxrin (28) ta' April tal-elf sitt mija tmienja u tmenin (1688), ġa numru wieħed u disgħin (91) Triq l-Imġarr, Qala, Għawdex, b'mandra miegħu annessa tal-kejl ta' ċirka siegħ oriġinarjament provenjenti mill-wirt tar-Reverendu Saċerdot Dun Giuseppe Vella, illi miet fis-26 ta' Ġunju 2006, jinbiegħ fit-termini tal-konvenju esebit mal-istess rikors.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 22 ta' Jannar 2009

MAUREEN XUEREB
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Notice in terms of Article 495A of the Civil Code

It is hereby notified that by virtue of a decree dated 22nd January 2009 delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, the Court ordered the following publication:

By virtue of an application filed on the 13th January, 2009 in the abovementioned Court by Alfred Vella and others, Application number 6/2009 (Application in terms of Article 495A of the Civil Code), the Court was asked to give its authorization for the sale of the share pertaining to Joseph Vella, Rita Vella in her name and also on behalf of estranged Mario Vella, Mary Rose wife of Angelo Attard and Doctor of Laws Dr Mario Scerri on behalf of estranged Carmela wife of George Attard of premises marked number twenty two (22), twenty eight (28) April one thousand six hundred and eighty eight (1688) Street, previously numbered ninety one (91) Mġarr Road, Qala, Gozo, measuring about a mondello including yard originally deriving from the inheritance of Rev. Giuseppe Vella, who died on the 26th of June, 2006, be sold in terms of the promise of sale agreement exhibited in the records of said application.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 22nd January 2009

MAUREEN XUEREB
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

142

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Ottubru 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4732/07, fl-ismijiet United Acceptances Finance Ltd vs Paul Hili et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Paul Hili (501758M), Hili Investments Ltd (C17538) ta' Il-Pjazzetta, Floor 5, Tower Road, Tas-Sliema u Angela Maria Hili (353258M), fl-14 ta' Awwissu 2007, United Acceptances Finance Ltd (C360) ta' Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, tirreferi għall-erbatax-il (14) kambjala, minnkom debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma ħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati Dokumenti 23 sa 36.

Il-mittenti qed jinterpellakom sabiex fi żmien jumejn ħallsu s-somma ta' €5,107.08 import ta' kambjali, oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmakom illi se tipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skond il-liġi mingħajr pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Intom avżati li għandkom id-dritt li topponu għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Jannar 2009

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of decree given by the Courts of Magistrates (Malta) on the 11th October 2007, in the records of the judicial letter number 4732/07, in the names United Acceptances Finance Ltd vs Paul Hili et ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Paul Hili (501785M), Hili Investments Ltd (C 17538) of Il-Pjazzetta, Floor 5, Tower Road, Sliema and Angela Maria Hili (353258M), on the 14th August 2007, United Acceptance Finance Ltd (C360) of Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, refers to the fourteen (14) bills of exchange signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but are not paid for, copies of these bills of exchange are annexxed and marked Documents 23 to 36.

The interpellant calls upon so that within two day you pay the sum of €5,107.08 value of bills of exchange, besides legal interest from each date due till the effective payment.

In default of payment the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from theservice of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

143

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' Settembru 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2983/08, fl-ismijiet Michael Attard Ltd vs Mark Anthony Borg et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Mark Anthony Borg ta' Cyprea, Flat 4, Triq Nazju Falzon, Msida u Gina Borg ta' Cyprea, Flat 4, Triq Nazju Falzon, Msida, fit-22 ta' Lulju 2008, Michael Attard Ltd (C32362) ta' Attard Building, National Road, Blata l-Bajda qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att intom tħallsu s-somma ta' €1,258.26 rappreżentanti import ta' sitt (6) kambjali, iffirmati minnkom, liema kambjali skadew fil-1 ta' Frar 2008, fil-1 ta' Marzu 2008, fil-1 ta' April 2008, fil-1 ta' Mejju 2008, fil-1 ta' Ġunju 2008 u fil-1 ta' Lulju 2008 iżda baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà mittenti.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dana ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi intom qed tiġu informati illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt li topponu għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali billi tippreżentaw ir-rikors opportun skond il-liġi fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' din l-intimazzjoni s-soċjetà mittenti ser tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by Courts of Magistrates (Malta) on the 29th Settembru 2008, in the records of the judicial letter number 2983/08, in the names Michael Attard Ltd vs Mark Anthony Borg et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Mark Anthony Borg of Cyprea, Flat 4, Triq Nazju Falzon, Msida and Gina Borg of Cyprea, Flat 4, Triq Nazju Falzon, Msida, on the 22nd July 2008, Michael Attard Ltd (C32362) of Attard Bulding, National Road, Blata l-Bajda, calls upon you so that within two daysfrom the date of service of this judicial act you pay the sum of €1,258.26 representing import of six (6) bills of exchange signed by you, which bills of exchange lapsed on the 1st February 2008, 1st March 2008, 1st April 2008, 1st May 2008, 1st June 2008 and 1st July 2008 but are still not paid for to the interpellant company.

By means of this present the interpellant company is rendering executable its executive title here under indicated and this in terms of article 253 (e) Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informedthat in terms of ariticle 253 (3) Chapter 12 of the Laws of Malta you have the right that within twenty (20) days from the date of service of this act, you will present an application to oppose the execution of these bills of exchange.

If you fail to abide with this calling the interpellant company shall pass to execute its executive titles and this in terms of article 256 (2) Chapter 12 of the Laws of Malta.

This official letter is requested in terms of Article 256 (2) Chapter 12 of the Laws of Malta.

With costs and interests from the due date of the bills of exchange till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

144

B'żewġ digrieti mogħtija fis-16 ta' Jannar 2009, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 928/02 JA, fl-ismijiet Marija Teresa Vella pro et noe vs Andrew Penza, il-Qorti tal-Appell, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti Darkar Building Construction Ltd u Joseph u Pauline konjugi Aquilina, a tenur ta' l-Artikolu 187 (3) u (5) tal-Kap. 12.

By means of two decree given on the 16th January 2009, in the records of the Writ of Summons number 928/02 JA, in the names Marija Teresa Vella pro et noe vs Andrew Penza, the Court of Appeal, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants Darkar Building Construction Ltd and Joseph and Pauline spouses Aquilina, in terms of Article 187(3) and 187(5) of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, Ċitazzjoni Numru 928/2002 JA, fl-ismijiet Marija Teresa Vella f'isimha proprjo u bħala prokuratriċi ta' ħutha assenti Carmelo Penza, Agnes Mangion, Frances Frendo, Mary Cini, Maria Dolores McMaman, Salvu Penza, Josephine Cini, Cecilia Fenech, Maryrose Sharp u Andrew Penza vs 1. Andrew Penza 2. Darkar Building Construction Ltd u għall kull interess li jista' jkollhom; 3. Carmel u Catherine konjuġi Cardona, 4 Georgina Curmi u b' digriet tas-27 ta' Ġunju 2007, il-kunjom Cini ġie mibdul għal Mallia, 5. Martin u Anna konjugi Groucher, 6. David u Maria Dolores konjugi Parnis, 7. Joseph u Carmen konjugi Barbara, 8. Andrew u Patricia konjugi Costa, 9. Raymond u Josephine konjugi Bajada, 10. Louis u Josette konjugi Camilleri u 11. Joseph u Pauline konjugi Aquilina, fl-10 ta' Ġunju 2008, l-appellant Andrew Penza ID 83828(M) espona bir-rispett;

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 928/2002 JA, in the names Marija Teresa Vella, in her own name and as mandatary of her absent brothers and sisters Carmelo Penza, Agnes Mangion, Frances Frendo, Mary Cini, Maria Dolores McMaman, Salvu Penza, Josephine Cini, Cecilia Fenech, Maryrose Sharp, and Andrew Penza vs 1. Andrew Penza, 2.Darkar Building Construction Ltd and for any interest they may have; 3. Carmel and Catherine spouses Cardona, 4. Georgina Curmi and by decree of the 27th June 2007, the surname Cini was changed to Mallia, 5. Martin and Anna spouses Groucher, 6. David and Maria Dolores spouses Parnis, 7. Joseph and Carmen spouses Barbara, 8. Andrew and Patricia spouses Costa, 9. Raymond and Josephine spouses Bajada, 10. Louis and Josette spouses Camilleri, and 11. Joseph and Pauline spouses Aquilina, on the 10th June 2008, the appellant Andrew Penza ID 83828(M) pleaded with respect;

Illi permezz ta' Ċitazzjoni, ippreżentata mill-atturi fit-12 ta' Awwissu 2002, fejn ippremettew, illi b'kuntratt ta' diviżjoni u assenjazzjoni tal-25 ta' Awwissu, 1986, in atti Nutar George Cassar (Dok A) bejn Francis, Andrew u Gaetano Penza, Francis Penza, missier u awtur tal-atturi ġie assenjat tliet porzjonijiet art 'Ta' Gonzales' f'Ħal Luqa, markati B1, B2, B3, fil-pjanta annessa mal-imsemmi kuntratt; omissis…filwaqt illi l-konvenut Andrew Penza, ġie assenjat tliet porzjonijiet mill-istess art 'Ta' Gonzales' immarkati C1, C2, C3, fl-istess pjanta ..omissis… u illi l-konvenut Andrew Penza tella' binja fuq parti mill-plots assenjati lilu iżda invada u bena fuq u uża parti mill-proprjetà komuni. U illi b'kuntratt tat-30 ta' Novembru 1993, in atti Nutar Pierre Falzon (Dok B) il-konvenut Andrew Penza kien illegalment u abbużivament biegħ lis-soċjetà konvenuta Darkar Building Construction Limited, porzjoni art Ta' Gonzales ..omissis…. u illi is-soċjetà konvenuta Darkar Building Construction

